



Brussell, 25 ta' Awwissu 2022

CM 4154/22

AVIATION  
ICAO  
RELEX  
CLIMA

### KOMUNIKAZZJONI

#### PROCÈDURA BIL-MIKTUB

---

Kuntatt: isabelle.besson@consilium.europa.eu

Tel./Fax: +32 2 281 8212

---

Suġġett: **Proċedura bil-Miktub bi tweġiba sat-Tnejn 29 ta' Awwissu 2022 f'nofsinhar CET (ħin ta' Brussell) bil-posta elettronika lill avia-mar@consilium.europa.eu**

Tħejjija tal-41 Assemblea tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali

Dokumenti ta' ħidma relatati mal-ambjent proposti għall-preżentazzjoni lill-ICAO

- Approvazzjoni
  - Bidu tal-proċedura bil-miktub
- 

1. Il-41 Assemblea tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) ser issir bejn is-27 ta' Settembru u s-7 ta' Ottubru 2022 f'Montreal. Fir-rigward tal-ambjent, l-iskadenza għall-Partijiet Kontraenti biex jissottomettu lill-ICAO l-kontributi tagħhom fil-forma ta' dokumenti ta' ħidma hija l-31 ta' Awwissu 2022.
2. Abbozz ta' dokumenti ta' ħidma relatati mal-ambjent ġew diskussi fil-grupp ta' ħidma dwar l-avjazzjoni fis-7 u s-26 ta' Lulju 2022. Mit-2 ta' Awwissu 2022 sal-24 ta' Awwissu 2022, il-grupp ta' ħidma dwar l-avjazzjoni ġie kkonsultat bil-miktub dwar il-kompromessi proposti mill-Presidenza. L-eżitu tal-konsultazzjoni ġie rreġistrat fid-dokument ST 11779/22 + ADD1-3.

3. B'kont meħud tan-nuqqas ta' laqgħat tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti u tal-Kunsill qabel l-iskadenza għall-preżentazzjoni lill-ICAO fil-31 ta' Awwissu 2022, f'konformità mal-Artikolu 12(1) tar-regoli ta' proċedura tal-Kunsill, il-Presidenza tistieden **lid-delegazzjonijiet kollha jiddikjaraw espliċitament** jekk jaqblux:
- Li jsir użu mill-proċedura bil-miktub għall-approvazzjoni tad-dokumenti ta' ħidma kif jinsabu fid-dokument ST 11779/22 ADD1-3.

**Jekk jogħġobkom wiegħbu "IVA" jew "LE".**

- Li japprovaw it-testi tad-dokumenti ta' ħidma kif jinsabu fid-dokumenti ST 11779/22 ADD1-3 u li jawtorizzaw liċ-Ċekja tippreżenta dawn id-dokumenti ta' ħidma lill-ICAO f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha.

**Jekk jogħġobkom wiegħbu "IVA" jew "LE".**

- Li jikkonfermaw il-qbil tagħhom li, jekk ikunu meħtieġa aġġustamenti fit-testi tad-dokumenti sabiex tiġi żgurata l-isponsorizzazzjoni tagħhom minn Stati terzi, it-test jista' jiġi adattat dment li l-bidliet ma jaffettwawx l-essenza jew l-għan tat-testi.

**Jekk jogħġobkom wiegħbu "IVA" jew "LE".**

Il-Kummissjoni hija mistiedna wkoll tiddikjara espliċitament jekk taqbilx mal-użu tal-proċedura bil-miktub.

Kwalunkwe dikjarazzjoni unilaterali għandha ssir fl-istess ħin tat-tweġiba għall-mistoqsijiet.

It-tweġibiet iridu jaslu għand is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill sa nofsinhar CET (ħin ta' Brussell) tad-29 ta' Awwissu 2022 u għandhom jintbagħtu bil-posta elettronika lil [avia-mar@consilium.europa.eu](mailto:avia-mar@consilium.europa.eu)